MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 940/2006

**Talba Nru: 940/06PBC**

**Michael Attard Limited (C 32362)**

**Vs**

**Charles Vella (ID 377776 M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm428.73c) rapprezentanti import ta’ tlett kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm428.73c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------